MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 440/2008

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**Vs**

**Jeremy Ciantar (I.D. 383171M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Mejju 2008, fejn gie premess illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf mitejn u tmienja u erbghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,248.67), bilanc ghad-debitu fil-"*Credit Card Loan Account*" tal-konvenut Jeremy Ciantar mal-Bank of Valletta plc (Dok A1 sa A17) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2008, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 20 ta' Novembru 2007 (Dok B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment. Illi nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq

imsemmi, il-konvenut baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba. Illi s-socjeta` attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-ligi anness u mmarkat Dok C.

Ra l-**Affidavit** tal-Prokuratur Legali Francesca Scerri li ghandha r-rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' Lulju 2008 li fiha eccepixxa illi t-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; illi l-ammont reklamat mhux dovut; illi bla pregudizzju l-attrici trid tressaq provi sabiex tiggustifika t-talba taghha' salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda tal-**PL Francesca Scerri** prodotta mill-bank attur li waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 xehdet illi hija ghandha r-rapprezentanza tal-Bank of Valletta u kkonfermat li l-bilanc mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut u mill-prezentata ta' l-avviz sa dak-in-nhar ma sar ebda pagament. Hija rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-avviz tat-talba u kkonfermat l-istess dokumenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi bix-xhieda tal-PL Francesca Scerri il-Bank attur ghalaq il-provi tieghu.

Illi kemm fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 u kif ukoll fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2008, il-konvenut ma deherx u wisq anqas allura ressaq provi in sostenn tar-risposta tieghu.

Illi ghalhekk il-provi tal-Bank attur ma humiex kontradetti u r-risposta tal-konvenut b'ebda mod ma giet ppruvata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' elf, mitejn u tmienja u erbghin Euro u seba` u sittin

centezmu (€1248.67), ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz u bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------